MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

13 ta' Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Mark Anthony Spiteri.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

37.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Mark Anthony Spiteri. L-ittra tiegħu ġiet aċċettata minħabba raġunijiet ta' sptar.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

37.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li saru xi korrezzjonijiet.

## 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

37.3.1 Il-kuntratt tat-teleworking tas-Sinjura Sammut li skada u jrid jiġġedded għal sena oħra. Is-Sur Zammit saqsa kemm ilha bit-*teleworking* u jekk hix ha ddum iktar? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tifla sentejn għad għandha u s-sena d-dieħla jekk ikun il-każ il-kuntratt jista' jiġi rivedut. It-teleworking ġie approvat għal sena oħra.

37.3.2 Talba sabiex il-Kunsill flimkien mas-Soċjeta' Mużikali La Stella Levantina jorganiżżaw marċi u reċtar għal żmien l-Għid fl-okkażjoni ta'Ħadd il-Palm. L-ispiża se tlaħħaq is-somma ta' €400. L-ispiża ġiet approvata.

37.3.3 Approvazzjoni meħtieġa mill-Kunsill sabiex jiġu maħtura tlett membri ġodda bħalha Bord t'Evalwazzjoni flimkien ma' persuna oħra li ħa tħejji t-tenders, dawn se jkunu:
Is-Sur Raphael Carabott bħalha *Technical Person*
Is-Sur Tonio Cuschieri bħalha *Accountant*
Dr. Matthew Bondin bħalha *Advocate.*
Is-Sur Remigio Bartolo bhalha persuna li ħa tħejji t-tenders flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.
Dan il-*Committee of Experts* ġie approvat.

37.3.4 Jekk jaqblux li ssir oġġezzjoni fuq il-bini ta' Triq Dun Mikiel Xerri. L-applikazzjoni kienet taħt PC u issa ħa toħrog bħalha PA. Is-Sur Cassar qal li l-Kunsill diġa għamel rebħa żgħira meta minn 500 unit nizlu għal 300 unit pero' jibqa l-fatt li m'hemmx spazju għall-*Civic Amenity*. Is-Sur Cassar wera x-xewqa wkoll li l-Kunsill jiddiskuti il-kwistjoni tal-by-pass il-ġdida f'Ħ'Attard u l-applikazzjoni għall-pompa tal-petrol fi Triq l-Imdina, f'laqgħa attaposta. Kulħadd qabel.

37.3.5 Approvazzjoni biex tigi ffirmata *Board Resolution* li biha s-Segretarju Eżekuttiv taġixxi ta' firmatarja fil-kwistjoni tal-applikazzjoni l-Planning Authority, tal-Bilom Group, sabiex tinfetaħ triq pubblika f'art privata li l-manutenzjoni tagħha u ħsarat jibqgħu responsabbli minnhom l-istess kumpanija. Kulħadd qabel.

37.3.6 Talba sabiex jiġi skedat l-akwadott ta' Triq P.P. Rubens biswit Triq il-Linja wara l-Corinthia fejn ġie propost li jsir bini ezatt mal-akwadott. Għadaqstant iħoss li għandha ssir oġġezzjoni mal-Heritage Planning Unit, The Superintendence of Cultural Heritage, The Cultural Heritage Advisory Committee u ssir fuq bażi ta' *cultural heritage* u *zoning.* Is-Sinjura Scerri qalet li Sqaq it-Twil ukoll ħa jibnu u talbet li fejn hemm sfreġju l-Kunsill jintervjeni jekk hemm bżonn. Kulħadd qabel.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

37.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Plot quddiem il-ħanut Crayons ċemplet sinjura sabiex isir xi ħaġa. Il-Kunsill jista' biss jagħmel rapport lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex forsi jittella ċint kif suppost u jnaddaf minn barra kif jista'. Talab ukoll sabiex titnaddaf dik il-biċċa tal-plot li hemm quddiem Triq l-Istwiel.
- Li l-bus shelters jinħaslu.
- Meta ħa jitnaddfu l-widien mill-Ministeru.
- Biex jitneħħa l-arblu tal-injam minn Triq is-Sienja

37.4.2 Is-Sur Alex Mangion saqsa fuq:

- Iz-zebra crossing fi Triq il-Mosta minħabba li xi ħadd saqsieħ għalfejn tmexxiet u li ġiet mal-kantuniera. Is-Sur Cordina qal li tmexxiet fuq approvazzjoni ta' TM.

37.4.3 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- L-iscreening tal-applikazzjoni tal-by-pass il-ġdida u li kif ġa qal qabel il-Kunsill jiddiskuti kif ħa jipproċedi fuq din l-applikazzjoni.
- Li jitħejja rapport mill-Perit fuq l-applikazzjoni tal-Pompa tal-Petrol fi Triq l-Imdina u titpoġġa on hold sakemm toħroġ il-Policy il-ġdida.
- Li jinżergħu xi siġar fejn hemm il-vojt. Is-Sinjura Scerri qalet li Grow 10 Trees jistgħu jagħtuna donazzjoni ta' xi sigar u jistgħu jinżergħu postijiet differenti.

37.4.4 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- Jekk kienx hemm feedback fuq il-proposta ta' ftuħ ta' triq bejn Triq il-Mosta u Triq A. Durer. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha xejn ġdid.
- Jekk meta l-Perit tal-Kunsill ikun indispost jistax jitqabbad Perit ieħor. Is-Sur Cordina qal li l-Perit tal-Kunsill hu Dieter Falzon w'għalhekk ma jistax jitqabbad Perit ieħor.

37.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri qalet:

- Li Għaqal id-Dar kien vera success tant li kellu jinqasam f'żewġ gruppi.
- Li ħa ssir il-klassi taz-Zumba. Is-Sur Cordina qal li ntlaħaq ftehim mal-organiżżaturi u l-Kunsill ħa jorganiżża l-klassijiet. Jekk il-Kunsill jaqbel se jsir ħlas ta' €750 sabiex jattendu 30 persuna massimu sakemm ma jkunx hemm iżjed u dawn jitħallew jipparteċipaw xorta bl-istess arranġament.
- Li f'Ġunju se jkun fir-raħal il-Blood Donation Unit u li talbet sabiex jiġi fir-raħal ukoll id-Dental Mobile Unit u Hygenist.

- Li sar xi xogħol fi Triq Birkirkara kif miftiehem mal-kuntrattur u rappreżentant tal-Parks Department.
- Li tixtieq tagħti dehra ġdida lill-fuljett ta' Ħ'Attard b'xi paġni għat-tfal u kompetizzjonijiet.

## 37.5 Approvazzjoni ta' *Financial Statements* għas-Sena 2017

37.5.1 Is-Sur Tonio Cuschieri kien preżenti għal-laqgħa fejn ta spjega dettaljata, kif jidher fl-Analytical Review annessa ma' dawn il-Minuti, tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2017. Qal li l-isforz tal-Kunsill juri biċ-ċar il-pożizzjoni finanzjarja u din is-sena spicca b'*surplus* ta' €34,569. Qal ukoll li din is-sena saru xi disposals fosthom dawn ġa msemmijin f'laqgħa 28 u dawn li ġejjin:
*Stand Fan*
2 *office chairs KLA00645, KLA00646 u*
*Fax machine KLA00584*
Wara l-approvazzjoni u s-sodisfazzjon tal-Kunsill l-Estimi għas-Sena 2017 ġew iffirmati sabiex jintbagħtu l-NAO.

## 37.6 Tenders Periti, Patching u Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq

37.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Evalwazzjoni tat-Tenders ġiet konkluża u nħareġ rapport mill-Bord t'Evalwazzjoni fejn ġew irrakkomandati l-kuntratturi li ħa jagħtu servizz lill-Kunsill kif ġej:
Patching – Elle's Urban Services
Architect – Dieter Falzon
Street Lighting – JF Mallia Limited.

Wara li s-sistema ġġenerat Pre-Standstill Ranking u l-kuntratturi ġew mgħarfa li ntagħżlu, kien hemm 10 t'ijiem fejn setgħu jintefgħu appelli. Fil-11-il jum u wara li s-sistema ġġenerat Post-Standstill Ranking daħal appell min-naħa tal-Enemalta li ġie aċċettat mill-PCRB, ġurnata tard, fejn intqal li ġie applikat Code 108 tas-Civil Codes li jagħti 24 siegħa oħra biex jintefa' appell meta dan jaħbat nhar ta' Sibt jew Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ma jissemma' mkien fuq is-sistema tal-epps. Hi ġiet mitluba wkoll tgħaddi Reasoned Letter filwaqt li kienet se tinżamm seduta nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu fl-10.30 il-PCRB, Floriana.

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-Kunsill jekk japprovax l-għażla tal-Bord sabiex hi tkun tista' tgħaddi għat-Tender Award u li tagħti risposta skond l-għażla tal-Bord u dak li seħħ. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tgħaddi għall-Award Tender bl-eċċezzjoni tat-Tender tad-Dawl.

## 37.7 Rapporti

37.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-**Budget 2018** u l-**Business Plan 2018-2021** għall-approvazzjoni hekk kif diskussi fil-laqgħa pubblika li saret ftit qabel din il-laqgħa.
Il-Kunsill approva d-dokumentazzjoni kollha hekk kif sottomessa.

## 37.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

37.8.1 Iċ-ċedola ġiet approvata.

## 37.9 Mozzjonijiet; u

37.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 37.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

37.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Marzu 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2018.

IFFIRMATA

Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv